MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2122/1999/1

**John Grima**

**Vs**

**Anthony Castillo**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fid-9 ta’ Dicembru, 1998 fi St. Joseph Steert, Mellieha, waqt il-konvenut li kien qed isuq b’lura l-car numru GAG 049, dahal fuq l-attur u kkagunalu hsara fizika, li hija permanenti, kif jirrizulta mill-opinjoni medika li l-attur ottiena (ara Dok. “A” u Dok. “B”);

U premess li b'konsegwenza tal-incident imsemmi l-attur sofra u ser isofri danni, u l-konvenut ma accettax li jasal ghal likwidazjoni u l-hlas taghhom;

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti,

1. tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident imsemmi tad-9 ta' Dicembru, 1998 fi St. Joseph Street, Mellieha, u ghall-hsara li huwa kkaguna, permezz tal-car imsemmija, lill-attur;

2. tillikwida d-danni kkagunati lill-attur;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur d-danni hekk likwidati bl-imghax legali sal-gurnata tal-pagament effettiv; u

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April, 1999. Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma fondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt stante illi l-incident ma garax tort tal-konvenut;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-attur ma garrab l-ebda dizabilita' permanenti rizultat ta' l-incident imsemmi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol 24;

Rat ir-relazzjoni tal-espert nominat a fol 33;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**PROVI**

L-attur xehed li kien ma jixtri sigar tal-frott. Hu u jghabbihom fil-karozza giet karozza warajh. Dan ir-ragel tal-karozza hareg mill-karozza u meta irritorna u dahal fil-karozza minflok qala' bil-*first*, irriversja u laqtu hu u qieghed bis-sigar idahhalhom fil-Land Rover. Hu laqtu f'saqajh. Hu saq sad-dar billi ma kellux il-boghod. Imbaghad cempel lit-tabib. Ghamel xahar ma jistax jimxi. Hu jahdem bhala *supervisor* fuq ix-xtut. Ghamel kwazi xaghrejn ma jmurx ghax-xoghol.

Victoria Sammut, sid tal-hanut, xehdet li l-attur kien mar jixtri minghandha u pparkja barra l-hanut. Huwa u jghabbi s-sigar fil-vettura tieghu, vettura ohra saqet fuqu bir-*reverse* u l-attur wegga'. It-triq hija wieqfa ferm.

Anthony Castillo xehed li mar jixtri f'dan il-hanut. Meta nqeda dahal fil-karozza. Hu ra lill-attur fejn il-hanut bil-pjanta f'idu. Billi kien hemm karozza quddiemu, irriversja, l-attur qasam u skond l-attur dak il-hin laqtu. Meta rriversja kien qed ihares fil-mera izda ma rahx jaqsam. L-attur ma kien gralu xejn, saq u telaq minn fuq il-post. Wara xi tliet ijiem kellmuh il-pulizija fuq l-incident.

Skond ir-*Road Accident Report* a fol 56 l-incident gara fid-9 ta' Dicembru mentri r-rapport dahal fil-11 ta' Dicembru 1998. Il-konvenut irrapporta li mar biex jipparkja hdejn il-hanut, ra lil John Grima fuq il-gemb tieghu, ghamillu s-sinjal b'rasu u haseb li qallu biex jirriversja u accidentalment laqtu fuq saqajh. Grima stqarr li Castillo qallu dak il-hin flok ghamlu *first gear* ghamlu *reverse* u laqtu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Jirrizulta li l-incident in ezami gara fil-kontest ta' manuvra ta' *"reversing"* jew *"retromarcia"* da parti tal-konvenut .

Ir-regolament 67 tal Motor Vehicles Regulations jiddisponi li:-

*"No person shall cause the motor vehicle to travel backwards for a greater distance or time than is absolutely necessary and shall take such precautions as are required to avoid collisions and accidents with persons or other vehicles on the road."*

Kif jidher mir-regolamenti, is-sewqan b'lura, minhabba d-diffikultajiet partikolari li jirrappresenta, ghandu jkun ristrett kemm jista' jkun, u , meta jsir, irid ikun akkompanjat mill-prekawzjonijiet kollha indikati.

Il-Highway Code Malti jikkonsilja:-

*"Before you reverse, make sure that there are no children or other persons or any obstruction, in the blind area behind you" (para 71).*

*"If your view to the rear is restricted, get help when reversing." (para 73).*

L-istess jirrkkomanda sostanzalment il-Highway Code Ingliz .

Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs J. Aquilina" (12.3.61), saret riferenza ghas-sentenza tal-Corte di Cassazione tal-Italia fejn gie ritenut :-

*" La retromarcia di un autoveicolo consituisce uno spostamento anormale e difficile e va quindi eseguito con particolare prudenza. Se il-conducente, per la sagoma dell'autoveicolo o per altra causa, non e in grado di vedere tutta la via a tergo, la prudenza impone di servirsi di altra persona che, da terra, controlli la manovra. (22.12.55).*

Fil-manwal tad Department of the Enviroment: Driving (ed. 1972 p 113) taht "*What to look for*" fir-*reversing*, hemm elenkati is-segwenti prekawzjonijiet:-

*"Always check for other traffic before you drive backwards. Make quite sure that there is nothing in your way... Check all around-forwards-behind, over both shoulders and in your mirror. If you are in any doubt, get out (or ask your passenger to do so) to make sure. Keep a good lookout all the time. You are moving backwards and always be ready to stop.*

Jidher ghalhekk li kif *driver* li jkun miexi ‘l-quddiem ghandu l-obbligu li jzomm *a proper lookout*, hekk ukoll, jekk mhux b'mod aktar assidwu, japplika ghal *driver* li jkun miexi b' lura.

Fil-kaz in ezami l-attur xehed li l-konvenut minflok mexa ‘l-quddiem irriversja fuqu u laqtu meta hu kien qed idahhal il-pjanta fil-landrover tieghu. Il-konvenut minn naha l-ohra sostna li hu kien ra lill-attur bil-pjanta f’idu u meta rriversja dana qasamlu u laqtu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-incident gara meta l-attur kien diga qieghed fejn il-vettura tieghu jdahhal l-pjanta u mhux meta l-attur kien qed jaqsam. Anke kieku l-fatti graw fil-hin meta semma l-konvenut, l-istess hu kien ikun responsabbili ghall akkadut billi hu ma kienx ikun qed izomm *proper lookout* assidwu ghall kull ma qed jigri madwaru.

**Konkluzzjoni**

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident gara unikament tort tal-konvenut.

**Danni**

L-espert mediku nominat minn dina l-Qorti ezamina lill-attur u sab li dana kellu dizabilita permanenti ta’ 5%.

L-attur pero’ ma pprezenta ebda dokumenti biex jipprova x’danni sofra; kemm ghal dak li jirrigwarda *damnum emergens* kif ukoll ghall *lucrum cessans.*

In vista ta' dana l-Qorti mhiex posizzjoni li tillikwida d-danni kif mitluba li taghmel fic-citazzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara illi l-incident bejn il-kontendenti li gara fid-9 ta' Dicembru, 1998 gara unikament tort tal-koknvenut;
fin-nuqqas ta' provi dwar id-danni, tastjeni mill-tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni u tielet talba.
Spejjez ghall konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------